**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 10 ta' Lulju, 2018

Rikors Nru : 239/18AL

**AB**
***-vs-***

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie guramentat mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremetta :

1. Illi l-partijiet izzewgu f'Malta nharl-erbatax ta' Gunju tas-sena elf disgha mija u erbgha u tmenin (14/06/1984) u li l-istess zwieg gie debitament rregistrat gewwa r-Registru Pubbliku ta' malta bin-numru t'iskrizzjoni 1030/84 u dan kif jidher mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat Dok."A".

2. Illi l-esponenti permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Dr. Vanessa Pool fit-tletin ta'Apriltа tas-sena elfejn u tlieta

(30/4/2003) liema kuntratt hu hawn anness u mmarkat bhala Dok. “B”.

3. Illi minndan iz-zwieg il-partijiet kellhom zewg ulied L li twieled fit-tlettax ta’ Gunju tas-sena elf disgha mija u tlieta u disghin (13/06/1993) u K li twieled fil-wiehed u ghoxrin ta’Awwissu tas-sena elf disgha mija u disgha u tmenin (21/08/1989). B’hekk it-tfal huma t-tnejn maggorrenni.

4. Illi ma hemmx l-ebda prospett ragonevoli ghar-rikonciljazzjoni bejn il-partijiet tant illi l-0p-artijiet ilhom separati de jure sa mis-sena elfejn u tlieta (2003) u ghalhekk ilhom separati u ma jghixux flimkien ghal aktar minn erba1 (4) snin matul l-ahhar hames (5) snin precedenti dan l-umli rikors u b’hekk jissodisfaw il-kriterji tal-artikolu 66b TAL-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

5. Illi dwar manteniment il-partijiet ma jircievu l-ebda manteniment minghand xulxin u dan peress illi huma t-tnejn impjegati “full time”;

6. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal ksib tad-divorzju skont l-artikolu 66B tal-Kodici Civili tal-Ligijiet ta’ Malta.

Talab li l-intimata tghid ghaliex lil din il-Qorti m’ghandhiex :

(1) Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u dan a tenur tal-artikolu 66A tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.
(2) Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fi żmien imħolli għaldaqshekk minn din l-istess Onorabbli Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-28 ta' Gunju, 2018;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat in-nota tal-intimata fejn iddikjarat li mhux ser tipprezenta risposta f'dawn il-proceduri sabiex tevita spejjez, u tiddikjara li m'ghandhiex oggezzjoni li jintlaqghu it-talbiet tal-attur, salv li m'ghandhiex issofri l-ebda spejjez in konnessjoni mal-procedura istanti;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-30 ta' April, 2003 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.